



Insaħħu l-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura

Il-Kontribut tal-Kummissjoni fl-Ikla ta' F'idma tal-Mexxejja Gothenburg, is-17 ta' Novembru 2017

#FutureOfEurope #EURoad2Sibiu

IL-FOND EWROPEW GĦAL INVESTIMENTI STRATEĠIĊI LI JAPPOĠĠAW PROĠETTI TAL-EDUKAZZJONI

L-Istati Membri jinvestu medjament kważi 5 % tal-PDG fis-sistemi edukattivi tagħhom. L-investiment fil-livell tal-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ jikkumplementa l-isforzi nazzjonali, li jvarjaw minn programmi ta' mobilità (Erasmus + u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie), strumenti finanzjarji (inkluż il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u l-Fond Soċjali Ewropew) u s-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali.

L-edukazzjoni hija primarjament iffinanzjata permezz tal-nfiq pubbliku. F'kuntest ta' finanzi pubbliċi stretti, il-potenzjal tal-użu ta' **forum innovattivi ta' finanzjament**, pereżempju l-isfruttament tal-investiment privat u l-użu ta' **għodod ta' investiment** għandhom jiġu esplorati għal ċerti tagħmir edukattiv (pereż. sabiex jingħata livell għoli ta' konnettività fl-iskejjel) u għal ċerti forum ta' edukazzjoni (pereż. biex tkun promossa l-kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja). Hawn taħt hawn xi eżempji ta' proġetti li diġà ġew iffinanzjati mill-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi.

IL-PORTUGALL

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jipprovdi **EUR 16-il miljun** lil **Nova School of Business and Economics** għat-tfassil u l-bini ta' kampus ġdid ta' 68 000 m² f'Caravelos. Il-kampus il-ġdid se jinkludi klassijiet tal-iskola, uffiċċji, libreriya, faċilitajiet sportivi u restorant, awditorju prinċipali u post ta' abitazzjoni għall-istudenti li kapaċi jakkomoda 122 student.



IL-LATVJA

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jislef **EUR 30 miljun** lill-**Università tal-Latvja** għall-bini ta' faċilitajiet ta' studju u riċerka mill-aktar avvanzati. Is-self se jgħin fil-finanzjament tal-bini u biex jiġu mgħammra ż-żewġ faċilitajiet tal-università fuq il-kampus il-ġdid ta' Tornakalns. Dan se jlaqqa' flimkien il-parti l-kbira tal-attività tagħha f'żona waħda, u jtejjeb l-effiċjenza mhux biss fl-amministrazzjoni tal-università, iżda għall-għalliema u għall-istudenti wkoll.



IL-FINLANDJA

Il-Fond Ewropew tal-Investiment qed jinvesti **EUR 10 miljun** fi skema ta' bonds b'impatt soċjali li se jappoġġaw l-integrazzjoni ta' bejn 2 500 u 3 700 migrant u refuġjat fis-suq tax-xogħol Finlandiż billi jipprovdi taħriġ u assistenza fil-kollokazzjoni. L-iskema hija mmexxija minn **Epiqus**, maniġer ta' fondi Finlandiżi li jispeċjalizza f'investimenti b'impatt soċjali u mill-Ministeru Finlandiż tal-Affarijiet Ekonomiċi. Sa Novembru 2017, hija kienet diġà pprovdiet lil **100 refuġjat b'impjeg** u 400 persuna oħra bi programmi ta' taħriġ.



Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jippjana wkoll li jiffinanzja proġett edukattiv f'Espoo. Il-finanzjament se jmur għall-**bini ta' skejjel ġodda** kif ukoll għall-estensjoni u għar-rinnovament ta' skejjel eżistenti. Il-proġett se jsaħħaħ l-ambjent ta' taġħlim għall-istudenti u jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-għalliema.